# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 544/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ritianne Cutajar**

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Ritianne Cutajar, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 145181M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Lulju, 2015 u fit-23 ta' Lulju, 2015 f'dawn il-Gzejjer;

1. Irrifjutat li taghti access lil wild taht il-kustodja taghha lil Anthony Degabriele, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbuta bil-kuntratt minghajr raguni xierqa skond Kap 9 tal-Artiklu 338(II)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015 li biha sabet lill-appellanta hatja u kkundannata xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Ritianne Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2015,li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija nhar l-4 ta' Dicembru, 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni jew htija, jew minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tvarja s-sentenza imsemmija fis-sens illi tirriforma l-piena f'wahda mhux karcerarja u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tal-lum, l-partijiet qablu illi il-kwistjoni bejn il-partijiet li tat lok ghall-imputazzjoni odjerna, issa hija rizolta permezz ta' kuntratt bejniethom, li l-access ghal-minuri huwa regolari u li dawk kienu biss zewg okkazzjonijiet fejn ma inghatax l-access ordnat mill-Qorti. Rat illi fl-istess udjenza l-appellanta irtirat l-ewwel talba taghha u zammet ferm it-talba ghal-varjazzjoni tas-sentenza appellata;

2. Illi f'dan l-appell, l-appellanta tillanja s-sentenza appellata bil-gravami li qatt ma kellha tinsab hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u b'mod alternattiv li f'kaz li din il-Qorti xorta wahda ssib htija fih, allura s-sentenza ghandha tkun riformata kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Kif gia senjalat, fl-udjenza tal-lum, l-appellanta irtirat l-aggravju u t-talba ghar-revoka tas-sentenza

appellata wara li l-kwerelant ikkonferma illi llum il-gurnata il-posizzjoni hija ben regolata;

3. Illi ghalhekk dan l-appell issa jirrigwarda biss il-piena. Kif gia inghad l-kwerelant ddikjara illi wara l-prolazzjoni tas-sentenza appellata, l-appellanta rregolat ruhha u l-access llum il-gurnata huwa wiehed regolari u bla xkiel. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni fuq imsemmija;

4. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tas-sentenza, f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' t-tieni talba u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal-terminu ta' xahar detenzzjoni u minflok tikkundannaha ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**